**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 1**
**Citaz. Nru. 457/96 JZM**

**Hal Mann Limited**

***kontra***

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u martu Isabelle ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta` Frar 1996 li taqra hekk :–

*Peress li s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta` tmien mija u tlieta u disghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm893.86), liema ammont jirraprezenta l-bilanc ta` prezz ta` wicc ta` bank tal-kcina tal-granit, skirting, u materjal iehor lilhom mibjugha u konsenjati mill-istess socjeta` attrici u dan kif jirrizulta mis-sitt fatturi hawn mehmuza (Dok "A" u Dok "F") ;*

*Peress li l-konvenuti naqsu li jhallsu l-imsemmi ammont ghalkemm debitament interpellati, anke permezz ta` ittra ufficjali, sabiex jersqu ghall-hlas ;*

*JGHIDU l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet imsemmija, m`ghandhiex din il-Qorti :-*

*1) tikkundannahom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm893.86, bilanc ta` prezz ta` l-oggetti lilhom mibjugha u forniti kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja tas-26 ta` Frar 1993 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta` Frar 1996, oltre mill-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-<u>17 ta` Marzu 1997</u> li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament, it-talba attrici giet preskritta a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.*

*2. Illi l-eccipjenti ordnaw diversi xoghlijiet minghand is-socjeta` attrici. Din il-kawza tirrigwarda parti biss minn dawn ix-xoghlijiet u dwarhom hemm kawza ohra pendenti, li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu taghha. Ghalhekk ghandu jkun hemm is-soprasessjoni.*

*3. Illi bla pregudizzju ghall-premess ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta` attrici mhumiex skont is-sengha u l-arti u dan kif gie eccepit mill-esponenti fic-citazzjoni numru 500/96NA fl-ismijiet "David Demarco nomine vs. Avukat Dottor Tonio Azzopardi et" li ghaliha qieghda ssir riferenza.*

*4. Illi l-esponent diga` hallas lis-socjeta` attrici bil-quddiem is-somma ta` Lm3,765.70 ghax-xoghlijiet li saru minghajr sorveljanza (ghaliex is-Supervisor hareg bil-`vacation leave`) u li mhumiex skont is-sengha u l-arti, u ghalhekk huwa m`ghandux ihallas xejn aktar.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xiehda ndikati minnhom.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 1997 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta l-partijiet kienu diretti sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni u cioe` il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2148(a) tal-Kap 16.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tat-2 ta` Lulju 1997 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota spjegattiva li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 1997 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota responsiva li pprezentat is-socjeta` attrici fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 1998 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat is-sentenza parzjali li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` April 1998 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni ; spejjez ghall-konvenuti.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Av. Dr. Joseph R. Micallef fl-udjenza tal-5 ta` Gunju 1998 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet <u>ulterjuri</u> li kienet prezentata fis-<u>16 ta` Novembru 1998</u> u taqra hekk :-

*Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta` sentejn skond l-Art 2149(a) tal-Kap 16 u ghalhekk il-kreditu pretiz mhuwiex dovut, u dan skond sentenza fl-ismijiet 'Edgar Causon noe vs Abdelsalam A. Sheibani noe' deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri) fl-4 ta` Dicembru 187, u sentenza fl-ismijiet 'Camilleri vs Frendo' (Kollez. Vol. XII p.144). Il-preskrizzjoni tal-hames snin imsemmija fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili mhijiex applikabbli.*

*Il-fatt li l-ftehim gie redatt bil-miktub ma jfissirx li l-kuntratt ibiddel is-sustanza tieghu, u ghalhekk jibqa` kuntratt ta` appalt u ghandha tapplika ghalih*

*il-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.*

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fis-17 ta` Novembru 1998.

Rat is-sentenza parzjali li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Dicembru 1998 fejn cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 2149(a) tal-Kap 16.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Frar 1999 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti biex jappellaw mis-sentenza parzjali tas-16 ta` Dicembru 1998.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-4 ta` Dicembru 2006 fejn irrevokat is-sentenza tas-16 ta` Dicembru 1998, irrinvjat l-atti lil din il-Qorti sabiex jigi deciz il-mertu tal-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 2149(a) tal-Kap 16 u b`hekk il-kawza tkompli tinstema` skond il-ligi ; l-ispejjez taz-zewg istanzi baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet dwar il-mertu tal-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 2149(a) tal-Kap 16.

Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Dicembru 2008 fejn iddikjarat li l-azzjoni attrici kienet preskritta a tenur ta` l-Art 2149(a) tal-Kap 16 ; spejjez kontra s-socjeta` attrici.

Rat illi s-socjeta` attrici appellat din is-sentenza.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011 fejn, wara li rrrevokat is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti, irrinvjat l-atti lil din il-Qorti sabiex tqis l-eccezzjonijiet rimanenti u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Rat id-dokument li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif <u>illum</u> presjeduta.**

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet finali bil-fomm fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. <u>Provi dwar il-mertu</u>

**<u>Av. Dr. Joseph R. Micallef</u>**, li kien l-avukat tas-socjeta` attrici, xehed illi l-ammont reklamat fil-kawza tal-lum kien ghadu mhux imhallas.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi l-mertu ta' din il-kawza jirrigwarda l-granit tat-tarag ta' barra u l-granit tal-kcina. Ighid illi l-prodott ikkonsenjat mis-socjeta` attrici ma kellux difetti. Ir-raguni ghalfejn ma kienx effettwat il-hlas kienet peress li fil-kaz ta` kuntratt iehor (mhux dan tal-lum) huwa kien hallas bil-quddiem somma kbira hafna. Qal illi fil-kaz tal-kuntratt l-iehor, kien hemm difetti serji hafna ; u ghalhekk deherlu li ma kellux jerga` johrog aktar flus, ladarba kien tal-fehma li fuq il-kuntratt l-iehor kien ser jibgor lura flus minghand is-socjeta` attrici. Fisser illi fiz-zmien ta` bejn meta kien ikkonsenjat ix-xoghol sakemm kienet prezentata l-ittra ufficjali, kien hemm biss diskussjonijiet dwar il-kont. Kull tentattiv ta` soluzzjoni tal-kwistjoni saret minghajr pregudizzju.

## III. <u>L-eccezzjonijiet rimanenti</u>

Skond is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011, l-atti ta` din il-kawza kienu rinvjati lil din il-Qorti sabiex tqis l-eccezzjonijiet rimanenti u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

L-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, u cioe` l-ewwel eccezzjoni u l-eccezzjoni ulterjuri, huma decizi : l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2148(a) tal-Kap

16 kienet deciza minn din il-Qorti, u ma saret l-ebda talba mill-konvenuti sabiex isir appell qabel is-sentenza finali skond l-Art 231 tal-Kap 12 ; filwaqt li l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 2149(a) tal-Kap 16 kienet deciza b`mod definittiv mill-Qorti tal-Appell.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet li fadal x`jigu decizi huma t-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet li jaqraw hekk :-

*2. Illi l-eccipjenti ordnaw diversi xoghlijiet minghand is-socjeta` attrici. Din il-kawza tirrigwarda parti biss minn dawn ix-xoghlijiet u dwarhom hemm kawza ohra pendenti, li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu taghha. Ghalhekk ghandu jkun hemm is-soprasessjoni.*

*3. Illi bla pregudizzju ghall-premess ix-xogholijiet li saru mis-socjeta` attrici mhumiex skont is-sengha u l-arti u dan kif gie eccepit mill-esponenti fic-citazzjoni numru 500/96 NA fl-ismijiet "David Demarco nomine vs. Avukat Dottor Tonio Azzopardi et" li ghaliha qieghda ssir riferenza.*

*4. Illi l-esponent diga` hallas lis-socjeta` attrici bil-quddiem is-somma ta` Lm3,765.70 ghax-xoghlijiet li saru minghajr sorveljanza (ghaliex is-Supervisor hareg bil-`vacation leave`) u li mhumiex skont is-sengha u l-arti, u ghalhekk huwa m`ghandux ihallas xejn aktar.*

**1) <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "**<u>Sylvana Tanti vs Noel Tanti et</u>**" din il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "Cassar vs Xuereb" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` …*

*Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "Degaetano vs Galea et noe", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :*

*"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza" …*

*Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju*

*straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "Cuschieri vs Onor Prim` Ministru" – 12 ta` Awissu 1994).*

*Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*

**Fil-kaz tal-lum, din l-eccezzjoni saret superfluwa ghaliex il-kawza fl-ismijiet "*David Demarco noe vs Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*" (Citaz. Nru. 500/96 JZM) sejra tkun deciza llum ukoll. Ghalhekk mhijiex sejra tiehu aktar konjizzjoni tal-eccezzjoni.**

Il-Qorti tosserva illi fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, kif ukoll waqt it-trattazzjoni finali tal-kawza, il-konvenuti accennaw ghall-fatt li messu kien hemm il-konnessjoni taz-zewg kawzi.

Jekk xi parti specjalment il-konvenuti kellhom dak il-hsieb kien messhom ressqu talba mhux isir accenn propju fl-ahhar stadju tal-kawza. Kemm ilha pendenti din il-kawza ghal dawn l-ahhar dsatax-il sena, ma jirrizultax mill-atti li qatt kien hemm talba formali ghall-konnessjoni ta` din il-kawza mal-ohra fuq riferita, skond kif jipprovdi l-Art 793 tal-Kap 12 : la fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ; lanqas permezz ta` rikors *ad hoc*. Apparti l-aspett formali, mill-punto di vista ta` sostanza talba ghall-konnessjoni tal-kawzi biex taghmel sens trid issir mhux biss kif trid il-ligi izda fil-waqt propju taghha. U l-waqt propju certament mhuwiex fit-trattazzjoni finali tal-kawza ghaliex l-iskop ewlieni tal-konnessjoni tal-kawzi huwa l-ekonomija tal-gudizzju. Fil-kaz tal-lum, kemm ilha ghaddejja din il-kawza, dan il-kriterju ma kienx invokat mill-konvenuti biex isostnu talba formali ghall-konnessjoni taz-zewg kawzi.

**3) <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Fit-tielet eccezzjoni, il-konvenuti jergghu jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet "*David Demarco noe vs Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*" (Citaz. Nru. 500/96 JZM) sabiex isostnu li x-xoghol l-iehor li kien kommissjonat lis-socjeta` attrici ma kienx ezegwit kif titlob l-arti u s-sengha. Fid-dikjarazzjoni <u>guramentata</u> tieghu, il-konvenut kompla kkonferma li l-ilmenti tieghu kontra s-socjeta` attrici m`humiex relatati mal-konsenja mertu ta` din il-kawza tal-lum, izda jirrigwardaw ix-xoghol li huwa mertu tal-kawza fl-ismijiet "*David Demarco noe vs Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*" (Citaz. Nru. 500/96 JZM). Infatti jirrizulta li filwaqt li l-hlas reklamat fil-kawza tal-lum huwa ghal xoghol tal-wicc ta` bank tal-kcina tal-granit, skirting u materjal iehor, il-hlas pretiz fil-kawza l-ohra kien ghal materjal u xoghol ta` pavimentar tal-irham u tqeghid tal-faxxa irham ta' taht il-balavostri tal-kewkba fil-pjan tal-ewwel sular.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni.**

**4) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Huwa fatt accettat anke mill-konvenuti illi l-ammont ta` Lm3,765.70c li thallas lis-socjeta` konvenut kien ghax-xoghol mertu tal-kawza fl-ismijiet "*David Demarco noe vs Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*" (Citaz. Nru. 500/96 JZM).

Diga` rrizulta wkoll li l-konvenuti ma kellhomx ilmenti dwar ix-xoghol mertu tal-kawza tal-lum.

Hija nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt il-pretensjoni tal-konvenuti li ghax ghandhom kwistjoni mas-socjeta` attrici li hija mertu tal-kawza fl-ismijiet "*David Demarco noe vs Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*" (Citaz. Nru. 500/96 JZM) allura ma jhallsux il-pendenza li hija mertu ta` *din* il-kawza, u li rrizulta li *mhijiex* kontestata.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ir-raba` eccezzjoni**.

**IV. <u>It-talba attrici</u>**

**Il-Qorti qieset id-dokumenti li s-socjeta` attrici pprezentat bhala prova sabiex issostni t-talba ghall-hlas tal-ammont ta` Lm893.86c. Skond dawn id-dokumenti, li huma konfermati bil-gurament, l-ammont ta` Lm893.86c huwa dovut. Il-figura ta` Lm893.86c ma kenitx kontestata mill-konvenuti. Ghal din il-Qorti, it-talba attrici hija ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha sal-grad rikjest mil-ligi. Ghandu jiddekorri l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-5 ta` Frar 1996 sad-data tal-effettiv pagament skond l-<u>Art 1141(2) tal-Kap 16</u>.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.**

**Tilqa` t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` elfejn u tnejn u tmenin Ewro erbatax-il centezmu (€2,082.14) ekwivalenti ghal tmien mija tlieta u disghin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm893.86c) bl-imghax legali b`effett mill-5 ta` Frar 1996 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha relatati mas-sentenza tal-lum, komprizi l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-socjeta` attrici tas-26 ta` Frar 1993 u l-ispejjez ta` l-ittra ufficjali tas-socjeta` attrici tal-5 ta` Frar 1996.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**